MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 262/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Wayne Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Wayne Cutajar talli fid-19 ta’ Marzu 2005 f’dawn il-Gzejjer u matul l-ahhar tliet xhur b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

(1) Assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer, jew barra minn dawn il-Gzejjer, sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perilokuzi

jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni;

(2) Matul l-ahhar tliet xhur gewwa Hal-Balzan kif ukoll gewwa diversi postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer biegh jew offra li jbiegh droga ristretta u psikotropika (ecstasy) kontenenti s-sustanza (Methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

(3) Gewwa Hal-Balzan kif ukoll gewwa postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' Club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imsemmi Wayne Cutajar ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Gunju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1)(f), 120A(2)(b)(i), 120A(1B), 120A(2B), it-tieni proviso li jinsab taht l-artikolu 120A(2)(b)(i) u t-Tielet Skeda Parti A tal-Kap. 31, l-artikoli 18 u 31 tal-Kap. 9, sabet lill-imsemmi Wayne Cutajar hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet bl-aggravju li jidher taht l-imputazzjoni (d) u lliberatu mill-ewwel imputazzjoni, u kkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' sentejn u seba' xhur u ghall-hlas ta' multa ta' sitt mitt lira maltin (Lm600), liema multa tista'

tithallas b'pagamenti ta' Lm50 fix-xahar bl-ewwel pagament isir erba' gimghat mid-data tas-sentenza appellate u fin-nuqqas ta' pagament, il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Kull hames liri mill-multa li ma tithallasx tinbidel b'jum prigunerija. Dik il-Qorti inoltre ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur u ma applikatx l-artikolu 533 tal-Kap. 9 stante li l-esperti nhatru fl-inkjesta li saret qabel is-16 ta' Jannar 2006;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Wayne Cutajar ipprezentat fit-8 ta' Lulju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha kwantu ghal dik il-parti fejn gie lliberat mill-ewwel imputazzjoni u nstab hati tat-tliet imputazzjonijiet sussegwenti, u tvarjaha billi tapplika piena anqas harxa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena li l-appellant iqis bhala wahda harxa meta jitqiesu c-cirkostanzi familjari tieghu, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-ammissjoni tieghu, l-applikabilita` ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta (kif rez applikabbli bl-artikolu 120A(2B) tal-Kap. 31), u l-fatt li ghandu impjieg regolari u kompla l-istudji akakdemici tieghu.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

L-appellant josserva illi huwa kkoopera mal-Pulizija mill-bidu nett. Dan huwa minnu peress illi mill-istqarrija tieghu

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

jirrizulta illi huwa ammetta l-involviment tieghu fit-traffikar tal-ecstasy. Jidher li sussegwentement anke ghen lill-Pulizija b’tali mod li giet rakkomandata l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 29 tal-Kap. 101. Quddiem l-ewwel Qorti pero` ma ammettiex mill-ewwel u ammetta fi stadju pjuttost avvanzat tal-proceduri, u cioe` wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha. Skond gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista’ tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta’ appell ma jidhlux f’ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le.

F’dan il-kaz l-appellant gie dikjarat hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet bl-aggravanti kontemplat fit-tieni proviso ta’ l-artikolu 120A(2)(b) tal-Kap. 31. Ghall-fini ta’ piena pero` huwa evidenti mill-provi prodotti u li din il-Qorti ezaminat illi t-tielet imputazzjoni ghandha tigi assorbita fit-tieni imputazzjoni stante li r-reat dedott fit-tielet imputazzjoni serva bhala mezz biex seta’ jigi kommess ir-reat taht it-tieni imputazzjoni a tenur ta’ l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan il-fattur ma ttehidx in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti. Issa, l-piena applikabbli ghat-tieni imputazzjoni hija ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn erba’ mija hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87 – qabel Lm200) izda mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87 – qabel Lm5,000). In vista ta’ l-aggravanti msemmija, il-piena tizdied bi grad u ghalhekk il-piena ta’ prigunerija titla’ ghal zmien ta’ mhux inqas minn seba’ xhur izda mhux izjed minn ghoxrin sena. Bit-tnaqqis ta’ zewg gradi skond l-artikolu 29 tal-Kap. 101, il-piena tinzel ghal dik ta’ prigunerija ta’ mhux inqas minn xahrejn u mhux izjed minn disa’ snin. Dan ghalhekk ifisser li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi xorta fil-parametri tal-ligi, izda din il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jittiehed kont ta’ l-applikabilita` ta’ l-

artikolu 17(h) imsemmi biex ikun hemm temperament fil-piena.

Dwar l-artikolu 29 tal-Kap. 101 l-appellant jghid illi jidher li ma ntweriex bizzejjed li huwa bbenefika minn dik id-disposizzjoni. Jghid li l-ewwel Qorti ma semmietx jekk il-mitigazzjoni kinitx applikata fl-intier. Minn ezami tas-sentenza jirrizulta li l-ewwel Qorti, fost il-konsiderazzjonijiet li qieset mil-lat pozittiv kien hemm li l-prosekuzzjoni ddikjarat li l-appellant (allura imputat) ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 b'zewg gradi. Meta ghaddiet biex timponi l-piena pero` ma qalitx jekk kinitx qed taghmlu bit-tnaqqis ta' zewg gradi kif propost mill-prosekuzzjoni. Ghalhekk anke dan il-fattur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni.

L-appellant isemmi diversi fatturi ohrajn per via di mitigazzjoni: l-eta` tenera ta' l-appellant meta kkommetta r-reati in kwistjoni, li kien jghix ma' ommu wara li nfirdu l-ġenituri u minkejja trobbija tajba spicca f'kumpanija hazina u beda jabbuza mill-ecstasy, li kien ghadu mohh ir-rih meta kkommetta r-reati in kwistjoni u mill-ewwel qata' l-kumpanija li kellu u sab impjieg li fih ghamel success, li nduna bl-izball tieghu u ddispjacieh ferm tant li mill-ewwel dawwar ir-rotta li kien ser jaqbad u kompla bl-istudji akkademici tieghu. L-appellant jghid li jaf li jrid ipatti ghal ghemilu izda jenfasizza li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet eccessiva.

Issa, mill-*pre-sentencing report* imhejji mill-ufficjal tal-*probation* Mary Rose Farrugia ghall-ewwel Qorti jirrizulta li ma tantx jidher li l-appellant – li kellu biss tmintax-il sena meta kkommetta r-reati in kwistjoni – ghandu karattru assertiv u malajr jigi nfluwenzat mill-hbieb, u li kienu l-hbieb li hajruh ibiegh l-ecstasy. Ghalhekk kien certament providenzjali li l-appellant inqabad mill-Pulizija <u>fil-bidu</u> ta' l-agir kriminuz tieghu – il-fedina penali netta tieghu hi xiehda ta' dan – u b'hekk l-appellant kellu l-opportunita` jinverti t-triq hazina li kien qabad. L-*employer* tieghu Paul Agius xehed quddiem din il-Qorti dwar kemm l-appellant huwa kapaci fix-xoghol tieghu tant li ghalkemm beda bhala *technician* fuq l-I.T. madwar sena u nofs ilu, illum

qed jiehu hsieb is-*servicing* ta' l-*I.T. Department* tal-kumpanija tax-xhud u ghandu tahtu nies li ilhom ghaxar snin u aktar mal-kumpanija. Paul Agius qal li l-appellant *"always proved himself"* u li *"he never let the company down"*. Qal ukoll bla tlaqliq u bl-akbar sincerita`: *"jiena nemmen fih."*

Bhalma stqarr l-appellant stess, huwa jaf li ta' dak li ghamel irid ipatti. Fil-fatt f'kazijiet bhal dak odjern il-piena ta' prigunerija hija wahda tassattiva. Kif diga` osservat aktar qabel f'din is-sentenza pero` ghandu jittiehed kont ta' l-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u ghandu jkun hemm aktar *weighting* favur tieghu fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101. Ghalhekk, u in vista tal-provi kollha li ngabu li juru l- kambjament li diga` sehh fl-appellant, ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tiddikjara li t-tielet imputazzjoni ghandha titqies assorbita fit-tieni imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta' sentejn u seba' xhur u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' tnax-il xahar u tikkonfermaha fil-bqija b'dan li l-perijodu ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri millum. Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin biex sa fejn huwa possibbli jippermetti lill-appellant ikompli bix-xoghol prezenti tieghu anke fl-istess Facilita` u inoltre li jinghata l-facilitajiet mehtiega biex ikompli bl-istudji tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------